**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 3 ta' Diċembru 2019

Rikors Numru: 312/19 AL

**ABC**

Vs

**DE**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-erba (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (04.07.2009), minn liema żwieġ huma kellhom żewġt itfal minuri u ċioe' F imwieled fil-ħdax (11) ta' Lulju elfejn u tmienja (11.07.2008) u G fl-ewwel ta' Mejju, elfejn u ħdax (01.05.2011) (ara ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A);

2. Illi huma sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt in atti Dr. Annalise Micallef datat tletin ta’ Ġunju, elfejn u sittax (30.06.2016) (ara kopja legali tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala Dok B);
3. Illi l-partijiet ilhom separati għal aktar minn erba’ snin u ċioe’ sa’ mis-sena elfejn u tlettax (2013) ara klawsola numru E ta’ Dok B);
4. Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi l-esponenti tiddikjara illi qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta’ manteniment bejn il-partijiet;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimat DE li permezz tagħha ecepixxa illi :

1. Illi r-rikors odjern si tratta talba ghad-divorzju tal-kontendenti, liema talba hija regolata l-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi kif stipulat fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi l-esponenti jaqbel li z-zwieg tieghu mar-rikorrenti evetwalment ghandu jigi mahlul stante ili ilhom aktar minn 4 snin separati minn xulxin u qatt ma kien hemm kwistjonijiet fuq ħlas ta’ manteniment;
3. Illi pero, jehtieg li din l-Oonorabbli Qorti ghandha jkollha konjizzjoni tal-fatt li, prezentement bejn il-kontendenti, jezistu kwistjonijiet fuq iz-zewg uliedhom minuri, liema kwistjonijiet jittrattaw fuq residenza, fuq kura u kustodja u fuq access, u ghalkemm dawn il-kwistjonijiet

ilhom issa sejrin ghal dawn l-ahhar circa sentejn, mhux talli ghadhom ma gewx solvuti imma d-diskussjonijiet li jwasslu ghal xi forma ta' ftehim ghadu fi stadju bikri;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponti umilment jitlob lil din l-Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 66 1 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk ikun il-kaz;

i. Tisma' lill-ulied minuri tal-partijiet u b'relevanza tal-imsemmija kwistjonijiet tqis dak li jkun fl-interess taghhom;
ii. Taħtar avukat tat-tfal sabiex jirraprezenta l-interess tal-ulied minuri tal-partijiet;

U dan, taht kull provvediment xieraq u opportun li din il-Qorti joghgobha taghti.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Lulju, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-30 ta' Gunju, 2016 u ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.